31986L0155

ID-DIRETTIVA TAL-KUNSILL

tat-22 ta' April 1986

li temenda, minħabba l-adeżjoni ta' Spanja u tal-Portugall, ċerti Direttivi li jirrigwardaw it-tqegħid fis-suq ta' żerriegħa u ta' pjanti

(86/155/KEE)

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropeja, u b'mod partikolari l-Artikolu 43 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew ([1]),

Billi l-Kunsill kien stabbilixxa, permezz tad-Direttivi varji, reġim applikabbli għat-tqegħid fis-suq taż-żerriegħa u tal-materjal tal-propagazzjoni;

Billi, fir-rigward tal-Portugall, reġim transitorju applikabbli f'dan il-qasam ġie speċifikat fl-Att ta' l-Adeżjoni ta' Spanja u l-Portugall;

Billi, fir-rigward ta' Spanja, għandhom isiru bidliet fid-Direttivi li ġejjin bi qbil mar-regoli indikattivi li dwarhom intlaħaq ftehim waqt in-negozjati ta' l-Adeżjoni:

— Id-Direttiva tal-Kunsill 66/401/KEE ta' l-14 ta' Ġunju 1966 dwar it-tegħid fis-suq taż-żerriegħa ta' pitravi ta' l-għalf ([2]), kif l-aħħar emendata mir-Regolament (KEE) Nru 3768/85 ([3]),

— Id-Direttiva tal-Kunsill 66/402/KEE ta' l-14 ta' Ġunju 1966 dwar it-tqegħid fis-suq taż-żerriegħa taċ-ċereali ([4]), kif l-aħħar emendata mir-Regolament (KEE) Nru 3768/85,

— Id-Direttiva tal-Kunsill 68/193/KEE tad-9 ta' April 1968 dwar it-tqegħid fis-suq ta' materjal ta' propagazzjoni veġetali tad-dwieli ([5]), kif l-aħħar emendata mir-Regolament (KEE) Nru 3768/85,

— Id-Direttiva tal-Kunsill 69/208/KEE tat-30 ta' Ġunju 1969 dwar it-tqegħid fis-suq taż-żerriegħa tal-pjanti taż-żejt u tal-fibra ([6]), kif l-aħħar emendata mir-Regolament (KEE) Nru 3768/85,

— Id-Direttiva tal-Kunsill 70/457/KEE tad-29 ta' Settembru 1970 dwar il-katalogu komuni tal-varjetajiet ta' speċi ta' pjanti agrikoli ([7]), kif l-aħħar emendata mir-Regolament (KEE) Nru 3768/85/KEE,

— Id-Direttiva tal-Kunsill 70/458/KEE tad-29 ta' Settembru 1970 dwar it-tqegħid fis-suq taż-żerriegħa veġetali ([8]), kif l-aħħar emendata mir-Regolament (KEE) Nru 3768/85;

Billi l-ħaxix ta' Bermuda, il-ħaxix Harding (Phalaris), is-sorgu, il-ħaxix tas-Sudan, l-għosfor, qara' (tal-familja *Cucurbitaceae*) u kardun huma speċi importanti għall-produzzjoni ta' pjanti agrikoli jew veġetali fil-Komunità imkabbra u għalhekk għandhom jiġu inklużi fl-iskop tad-Direttivi msemmija;

Billi, sabiex ikun possibbli li jittieħdu l-miżuri meħtieġa sabiex tiġi introdotta sistema ta' ċertifikazzjoni varjetali obbligatorja għaż-żerriegħa ta' luċerne, ta' kaboċċi ta' l-għalf u tar-ravanell ta' l-għalf, ir-Renju ta' l-Ispanja għandu jkun awtorizzat, fir-rigward taż-żerriegħa ta' din ix-xorta, sabiex jipposponi l-obbligazzjoni imposta mid-Direttiva 66/401/KEE sabiex iqiegħed fis-suq esklussivament żerriegħa li tkun ġiet uffiċjalment ċertifikata bħala 'żerriegħa basika' jew 'żerriegħa ċċertifikata';

Billi d-domanda għaż-żerriegħa tal-qoton fil-Komunità mkabbra hija tali li d-Direttiva 69/208/KEE għandha tiġi emendata b'tali mod li tippermetti t-tqegħid fis-suq taż-żerriegħa tal-qoton ċċertifikata tat-tieni ġenerazzjoni;

Billi, sabiex ir-Renju ta' Spanja jkun jista' jieħu l-miżuri meħtieġa sabiex jaddatta l-prodotti taż-żerriegħa u tal-materjal tal-propagazzjoni u t-tqegħid ta' dawn fis-suq għall-ħtiġiet tal-katalogu tal-varjetajiet stabbiliti fis-sistema Komunitarja, l-Istati Membri għandhom ikunu awtorizzati sabiex jipposponu l-applikazzjoni ta' ċerti disposizzjonijiet li għandhom x'jaqsmu mal-katalogu nazzjonali tal-varjetajiet tad-dwieli, il-Katalgu Komuni ta' Varjetajiet ta' Speċi ta' Pjanti Agrikoli u l-katalogu komuni ta' Varjetajiet ta' Speċi Veġetali, jew kompletament jew fir-rigward ta' ċerti speċi,

([1]) ĠU C 68, ta' l-24.3.1986.
([2]) ĠU 125, tal-11.7.1966, p. 2298/66.
([3]) ĠU L 362, tal-31.12.1985, p. 8.
([4]) ĠU 125, tal-11.7.1966, p. 2309/66.
([5]) ĠU L 93, tas-17.4.1968, p. 15.
([6]) ĠU L 169, ta' l-10.7.1969, p. 3.
([7]) ĠU L 225, tat-12.10.1970, p. 1.
([8]) ĠU L 225, tat-12.10.1970, p. 7.

ADOTTA DIN ID-DIRETTIVA:

Artikolu 1

Id-Direttiva 66/401/KEE hija hawnhekk emendata kif ġej:

1. Fl-Artikolu 2 (1) (A) (a):

— il-kliem

"Cynodon dactylon (L.) Pers"	"ħaxix twil tal-ħafur",
għandu jiddaħħal wara	
"*Arrhenatherum elatius* (L.) Beauv. ex. J. et K. Presl"	"ħaxix tal-Bermuda"

— il-kliem

"Phalaris aquatica L ".	"ħaxix Harding, Phalaris"
għandu jiddaħħal wara	
"Lolium x hybridum Hausskn"	ħaxix ibridu tas-segala"

2. Dan il-paragrafu li ġej għandu jiddaħħal fl-Artikolu 3:

"1a. Sal-31 ta' Diċembru 1989 ir-Renju ta' Spanja jista' jkun awtorizzat, b'mod konformi mal-proċedura stipulata fl-Artikolu 21, li tipprovdi għall-eċċezzjonijiet għall-Paragrafu 1 fil-każ taż-żerriegħa ta' *Medikago sativa, Brassica oleracea convar. acephala* u *Raphanus sativus*.'"

3. Fl-Anness II (I) (2) (A) il-linji li ġejjin għandhom jiddaħħlu wara l-linji *Arrhenatherum elatius* u *Lolium x hybridum* rispettivament:

	1	2	3	4	5	6	7	8	9	10	11	12	13	14	15
	'Cynodon dactylon	70 (a)		90	2,0	1,0	0,3	0,3				0	0 (j) (k)	2	'
U	"Phalaris aquatica L.	75 (a)		96	1,5	1,0	0,3	0,3				0	0 (j) (k)	20	"

4. Fl-Anness II (II) (2) (A) il-linji li ġejjin għandhom jiddaħħlu wara l-linji *Arrhenatherum elatius* u *Lolium x hybridum* rispettivament:

	1	2	3	4	5	6	7	8
	'Cynodon dactylon	0,3	20 (a)	1	1	1		(j)'
U	"Phalaris aquatica L.	0,3	20	5	5	5		(j)'"

5. Fl-Anness III il-linji li ġejjin għandhom jiddaħħlu wara l-linji *Arrhenatherum elatius* u *Lolium x hybridum* rispettivament:

	1	2	3	4
	'*Cynodon dactylon*	10	50	5'
U	"Phalaris aquatica L.	10	100	50"

Artikolu 2

Id-Direttiva 66/402/KEE hija hawnhekk emendata kif ġej:

1. Fl-Artikolu 2 (1) (A) (a) il-kliem

"Sorghum bicolor (L.) Moench Sorghum Sorghum sudanense (Piper) Stapf	ħaxix tas-Sorgu ħaxix tas-Sudan"
għandu jiddaħħal wara	
"*Secale cereale L.*	Sikrana"

2. Fl-Artikolu 2 (1) (B) il-kliem 'u *Sorghum spp.*' għandhom jiddaħħlu wara *'majs* (qamħirrum)'.

3. Fl-Artikolu 2 (1) (D) il-kliem *'Sorghum spp.'* għandhom jiddaħħlu wara *'majs* (qamħirrum)'.

4. Fl-Artikolu 2 (2) (E) il-kliem *'Sorghum spp.'* għandhom jiddaħħlu wara 'ħaxix tal-Kanada'.

5. Fl-Anness I (2) il-kliem li ġejjin għandhom jiddaħħlu qabel it-tabella:
"u b'mod partikolari, fil-każ tas-sorgu, minn sorsi ta' *Sorgum halepense*".

6. Fil-lista fl-Anness I (2) dan li ġej għandu jiġi infilzat qabel il-linja *Zea mays:*

"Sorghum spp. 300 m".

7. Fl-ewwel u fit-tieni paragrafi ta' l-Anness I (3), u fil-kliem introduttorju tat-tielet paragrafu l-kliem *'Sorghum spp*. u' għandu jiddaħħal f'kull każ qabel *'Zea mays*'.

8. Fit-tielet paragrafu ta' l-Anness I (3), dan li ġej għandu jiġi miżjud:

"C. Sorghum spp.

(a) il-persentaġġ skond in-numru ta' pjanti ta' l-ispeċi *Sorgum* apparti mill-ispeċi ta' l-uċuħ tar-raba' jew tal-pjanti li jintgħarfu bħala li ovvjament m'humiex veri għal-linja mrobbija jew għall-komponent m'għandhux jeċċedi:

(aa) Għall-prodotti taż-żerriegħa bażika

(i) waqt li jkunu qegħdin jagħmlu l-fjur: 0,1 %,

(ii) waqt il-maturità: 0,1 %;

bb) Għal prodotti taż-żerriegħa ċċertifikata

(i) il-pjanti tal-komponent maskili li jkunu waqqgħu t-trab dakkari meta l-pjanti tal-komponent femminili jkollhom stigmati li jirċievu: 0,1 %;

(ii) il-pjanti tal-komponent femminili

— waqt li jkunu qegħdin jagħmlu l-fjur: 0,3 %,

— waqt il-maturità: 0,1 %;

(b) in-normi li ġejjin jew il-kondizzjonijiet l-oħrajn għandhom jitqiesu li huma sodisfatti fir-rigward ta' prodotti taż-żerriegħa ċċertifikata:

(aa) il-pjanti tal-komponent maskili għandhom iwaqqgħu biżżejjed trab dakkari waqt li l-pjanti tal-komponent femminili jkollhom stigmati li jirċievu;

(bb) jekk il-pjanti tal-komponent femminili jkollhom stigmati li jircievu, il-persentaġġ tal-pjanti ta' dak il-komponent li jkunu waqqgħu t-trab dakkari jew li jkunu qegħdin iwaqqgħu it-trab dakkari m'għandux jeċċedi l-0,1 %'.".

9. Fl-Artikolu 5 (1) (b) il-kliem *'Sorghum spp*. u' għandhom jiddaħħlu kull darba qabel 'Zea mays'.

10. Fl-ewwel u fit-tieni sentenza ta' l-Anness II (i), il-kliem *'Sorghum spp*. u' għandhom jiddaħħlu kull darba qabel *'Zea mays*'.

11. Fl-Anness II (1) (B) il-kliem *"Sorghum spp."* u' għandhom jiddaħħlu qabel *"Zea mays"*.

12. Fl-Anness II (2) (A) dawn li ġejjin għandhom jiddaħħlu wara l-linja *Secale cereale*:

1	2	3	4	5	6	7	8	9	10
'Sorgum spp.	80	98	0'						

13. Fl-Anness III dawn li ġejjin għandhom jiddaħħlu wara l-linja *Oryza sativa*:

1	2	3	4
'Sorgum spp.	10	1 000	900'

14. Fl-Anness IV (A)(a)(5) il-kliem *"u Sorghum spp"* għandhom jiġu miżjuda.

15. Fl-Anness IV (A)(a)(9) il-kliem "tal-majs (qamħirrum)" għandhom jitħassru.

Artikolu 3

Fid-Direttiva 68/193/KEE is-sentenza li ġejja għandha tiżdied ma' l-Artikolu 5:

"Fir-rigward tar-Renju ta' Spanja, id-data 31 ta' Diċembru 1971 msemmija hawn fuq għandha tiġi mibdula bit-28 ta' Frar 1986.'"

Artikolu 4

Id-Direttiva 69/208/KEE hija hawnhekk emendata kif ġej:

1. Fl-Artikolu 2 (1) (A) (a) il-kliem

"Kannabis sativa L.	Għosfor"
għandu jiddaħħal wara	
"*Carthamus tinctorius L.*	Qanneb"

2. Fl-Artikolu 2 (1) (C) il-kelma 'għosfor' għandha tiddaħħal wara 'qanneb li għandu organu maskili u femminili fuq pjanti separati'.
3. Fl-Artikolu 2 (1) (C) il-kelma 'qoton' għandha titħassar.
4. Fl-Artikolu 2 (1) (D) il-kelma 'qoton' għandha tiddaħħal wara 'sojja'.
5. Fl-Artikolu 2 (1) (E) il-kelma 'qoton' għandha tiddaħħal wara 'sojja'.
6. Fl-Artikolu 3 (1) il-kliem *"Carthamus tinctorius L."* għandhom jiddaħħlu wara "Kannabis sativa L.".
7. Fil-kolonna 1 tat-tabella fl-Anness I (2) il-kliem *"Carthamus tinctorius"* għandhom jiddaħħlu wara 'Kannabis sativa apparti minn qanneb unisesswali '.
8. Fl-Anness I (3) il-kliem 'Kartamus tinktorius' għandu jiddaħħal wara 'Kannabis sativa'.
9. Fl-Anness II (I) (2) (A) il-linja li ġejja għandha tiddaħħal wara l-linja Kannabis sativa:

1	2	3	4	5	6	7	8	9	10	11	12
'Kartamus tinktorius	75	98	-	5	0	0 (c)					(e)'.

10. Fl-Anness III il-linja li ġejja għandha tiddaħħal wara l-linja Kannabis sativa:

1	2	3	4
'Kartamus tinktorius	10	900	900'.

Artikolu 5

Id-Direttiva 70/457/KEE hija hawnhekk emendata kif ġej:

1. Is-sentenza li ġejja għandha tiġi miżjuda ma' l-Artikolu 3 (3):

"Fir-rigward tar-Renju ta' Spanja, id-dati l-1 ta' Lulju 1972 u t-30 ta' Ġunju 1980 msemmija fl-ewwel sentenza għandhom jiġu mibdula bid-dati l-1 ta' Marzu 1986 u l-31 ta' Diċembru 1990 rispettivament fir-rigward ta' l-ispeċi li ġejjin:

Agrostis stolonifera
Agrostis tenuis
Phleum pratense
Poa Pratensis
Hedysarum coronarium
Lotus corniculatus
Lupinus angustifolium
Lupinus luteus
Onobrychis viciifolia
Trifolium alexandrinum
Trifolium pratense
Vicia villosa
Brassica napus var. napobrassica
Brassica oleracea convar. acephala
Raphanus sativus ssp. oleifera and
Arachis hypogaea'."

2. Is-sentenza li ġejja għandha tiġi miżjuda ma' l-Artikolu 15 (1):

"Fir-rigward tar-Renju ta' Spanja, id-data l-1 ta' Lulju 1972 msemmija fl-ewwel sentenza għandha tiġi mibdula bid-data l-1 ta' Marzu 1986 fir-rigward tal-varjetajiet apparti minn dawk li huma uffiċjalment inklużi fil-katalogu ta' dak l-Istat Membru fl-1 ta' Marzu 1986 u li huma inklużi wkoll f'dik id-data fil-katalogu ta' wieħed jew iżjed mill-Istati Membri tal-Komunità ta' Għaxra, minħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet partikolari applikabbli għal ċerti speċi msemmija fit-tieni u fit-tielet sentenzi tal-paragrafu 5."

3. Is-sentenza li ġejja għandha tiġi miżjuda ma' l-Artikolu 16:

"Fir-rigward tar-Renju ta' Spanja, l-1 ta' Lulju 1972 imsemmi fl-ewwel sentenza għandu jiġi mibdul bid-data ta' l-1 ta' Marzu 1986."

4. Is-sentenza li ġejja għandha tiġi miżjuda ma' l-Artikolu 17:

"Fir-rigward tar-Renju ta' Spanja, id-data ta' l-1 ta' Lulju 1972 msemmija fl-ewwel sentenza għandha tiġi mibdula bid-data ta' l-1 ta' Marzu 1986."

Artikolu 6

Id-Direttiva 70/458/KEE hija hawnhekk emendata kif ġej:

1. Fl-Artikolu 2 (1) (A) (a) il-kliem

'Cucumis sativus L.	Ħjara, ħjar żgħir tal-pikles
għandha tiddaħħal wara	
'Cucurbita maxima Duchesne	qargħa tal-familja Cucurbitaceae'

u l-kliem

'Cucurbita pepo L.	Kardun '
għandu jiddaħħal wara	
'Cynara cardunculus L.	Qargħabali '.

2. Fl-Artikolu 2 (1) (F) (b) il-kliem 'qargħa tal-familja "Cucurbitaceae" għandhom jiddaħħlu wara "dulliegħ".

3. Is-sentenza li ġejja għandha tiġi miżjuda ma' l-Artikolu 9 (1):

"Fir-rigward tar-Renju ta' Spanja, id-dati l-1 ta' Lulju 1972 u t-30 ta' Ġunju 1975 imsemmija fl-ewwel sentenza għandhom jiġu mibdula bid-dati l-1 ta' Marzu 1986 u l-31 ta' Diċembru 1988 rispettivament fir-rigward ta' l-ispeċi li ġejjin:

Apium graveolens
Beta vulgaris var. esculenta
Brassica oleracea
Cichorium endivia
Cucurbita pepo
Petroselinum endivia crispum
Phaseolus coccineus
Raphanus sativus
Scorzonera hispanica'."

4. Is-sentenza li ġejja għandha tiġi miżjuda ma' l-Artikolu 9 (2):

"Fir-rigward tar-Renju ta' Spanja, id-dati l-1 ta' Lulju 1972 u t-30 ta' Ġunju 1980 msemmija fl-ewwel sentenza għandhom jiġu mibdula bid-dati l-1 ta' Marzu 1986 u l-31 ta' Diċembru 1993 rispettivament fir-rigward ta' l-ispeċi msemmija fl-aħħar sentenza tal-paragrafu 1.'"

5. Is-sentenza li ġejja għandha tiġi miżjuda ma' l-Artikolu 9 (3):

"Fir-rigward tar-Renju ta' Spanja, id-dati tat-30 ta' Ġunju 1975 u ta' l-1 ta' Lulju 1972 msemmija hawn fuq għandhom jiġu mibdula bid-dati tal-31 ta' Diċembru 1986 u l-1 ta' Marzu 1986 rispettivament fir-rigward ta' l-ispeċi msemmija fl-aħħar sentenza tal-paragrafu 1."

6. Is-sentenza li ġejja għandha tiġi miżjuda ma' l-Artikolu 12 (1):

"Fir-rigward tar-Renju ta' Spanja, id-data ta' l-1 ta' Lulju 1970 msemmija fit-tieni sentenza għandha tiġi mibdula bid-data ta' l-1 ta' Marzu 1986."

7. Is-sentenza li ġejja għandha tiġi miżjuda ma' l-Artikolu 16 (4):

"Fir-rigward tar-Renju ta' Spanja, id-data ta' l-1 ta' Lulju 1972 msemmija fl-ewwel sentenza għandha tiġi mibdula bid-data ta' l-1 ta' Marzu 1986."

8. Is-sentenza li ġejja għandha tiġi miżjuda ma' l-Artikolu 26 (2):

"Fir-rigward tar-Renju ta' Spanja, id-data ta' l-1 ta' Lulju 1970 msemmija fl-ewwel sentenza għandha tiġi mibdula bid-data ta' l-1 ta' Marzu 1986."

9. Fl-Anness II (3) (A) dawn li ġejjin għandhom jiddaħħlu wara l-linji *Cucumis sativus* u *Cucurbita pepo* rispecttivament:

u	'Cucurbita maxima	98	0,1	80'
	Cynara cardunculus	96	0,5	65'.

10. Fl-Anness III (2) (A) il-linji li ġejjin għandhom jiddaħħlu wara l-linji *Cucumis sativus* u *Cucurbita pepo* rispettivament:

u	'Cucurbita maxima	250'
	'Cynara cardunculus	50'.

Artikolu 7

L-Istati Membri għandhom jieħdu l-passi meħtieġa biex ikunu konformi ma':

— L-Artiklu 1 (2), l-Artiklu 3, l-Artiklu 4 (3), (4) u (5), l-Artiklu 5 u l-Artiklu 6 (3) sa (8), b'effett mill-1 ta' Marzu 1986,

— id-disposizzjonijiet l-oħrajn tad-Direttiva sa mhux iktar taqrd mill-1 ta' Lulju 1987.

Għandhom jgħarrfu minnufih b'dan lill-Kummissjoni.

Artikolu 8

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fil-Lussemburgu, 4 ta' Ġunju 1970.

Għall-Kunsill

Il-President

H. VAN DEN BROEK